SAN LAWRENZ

Il-minuti tal-hamsa u ghoxrin laqgha li nzammet nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju 2013 fit-8:00 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa |
| Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| Kunsilliera: | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**2.0 Laqgħa mas-Sur Laurie Apap – Dipartiment tat-Toroq**

2.1 Prezenti għal din il-laqgħa kien is-Sur Laurie Apap mid-Dipartiment tat-toroq fuq appuntament li talab huwa stess sabiex jiltaqa mal-Kunsill. Huwa kien akkumpanjat mill-Perit Anglu Portelli.

2.2 Huwa semma li l-laqgħa talabha għal zewg punti, fuq ix-xogholijiet ta' Triq San Lawrenz u l-pjazza u fuq proposta li għandha x'taqsam mal-mozzjoni li ser iressaq il-Kunsillier John Mercieca. Is-Sur Apap talab sabiex il-Kunsill jikkollabora kemm jista jkun mal-Ministeru għal Għawdex biex issa la darba tinfetaħ it-triq għall-pubbliku, importanti li x-xogħolijiet fil-pjazza jitlestew fl-istess perjodu sabiex it-triq tinfetaħ kompletament mingħajr ostakli.

2.3 Rigward il-mozzjoni tal-kunisllier John Mercieca sabiex isir passagg fid-Dwejra permezz ta' 'crazy paving' huwa semma li l-Ministeru lest li joffri l-ħaddiema tiegħu għal dan il-progett.

**3.0 Mozzjoni**

3.1 Ġiet imressqa l-mozzjoni tal-kunsillier John Mercieca li tgħid hekk:-"

Dawn l-ahhar gimghat qed nigi avvicinat minn hafna nies kemm bdiewa kif ukoll ohrajn li jhobbu jmorru passiggati fl-inhawi tad-Dwejra. Gara izda lid an il-passagg, hawn muri fuq l-annessa pjanta huwa fi stat dizastruz. Naf li din l-area hija skedata, imam bhalma

gara fir-rahal tal-Fontana, precizament f'Wied Siekel u anke fil-Wied tal-Lunzjata, dan il-passagg jista' facilment jigi miksi bil-crazy paving (gebel tal-qawwi). Ahna bhala kunsill, ghandna nitolbu permess lill-MEPA.

3.2 Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Anthony Cassar. Il-Vici Sindku semma' li fl-istess zona sar pavimentar simili mill-Kunsill precedenti. Huwa kien qed jaghmel referenza ghat-Triq il-Qadima tad-Dwejra. Sar qbil unanimu li fuq din il-mozzjoni għandna naddottaw din il-proċedura: nikkuntatjaw lil Perit Shawn Micallef rigward il-possibilta ta' ħruġ tal-permess tal-MEPA għal dan ix-xogħol. Kemm-il darba jingieb il-permess, sar qbil li nagħmlu stima tax-xogħol u spejjes involuti u anke nitolbu lil Ministeru għal Għawdex għal xi għajnuna finanzjarja fuq dan ir-rigward.

## 4.0 Trinka tal-Generator

4.1 Wara li tlabna stima għat-tħaffir ta' trinka għall-uzu tal-generator għaċ-Ċentru tad-Dwejra, daħlet stima waħda biss mingħand Gatt Construction għal prezz ta' € 2268.10. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq din l-istima.

## 5.0 Materji Oħra

5.1 Il-Kunsillier John Mercieca propona li l-Bus Stop li hemm f'tarf Triq il-Wileġ, Bus Stop "Roza" tinqala u titwaħħal fuq in-naħa ta' fuq ta' Triq il-Wileġ peress li mhix qed tintuza.

5.2 Is-Segretarja informat li l-applikazzjoni tal-Youth Exchange ġiet aċċettata bejn l-1 u id-9 ta' Settembnru 2013 u fiha ser jipparteċipaw 63 parteċipant minn 7 pajjiżi nkluz San Lawrenz, Malta.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*